MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**JACQUELINE PADOVANI**

Seduta ta' l-14 ta' Ottubru, 2009

Numru 777/2009

**PULIZIJA**
**SPETTUR FABIAN FLERI**
**VS**
**ANTHONY BONNICI**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Anthony Bonnici ta’ 39 sena, iben Anthony u Rose nee’ Grech, imwieled Pieta’ fit-12/08/1969, detentur tal-Karta ta’ l-Identita’ bin-numru 352769M u residenti gewwa Blokk 11 Flat 1 Hubbard Flats, Triq Alessandra, Bormla:

Billi int akkuzat talli nhar it-28 ta’ Gunju 2009, ghall-habta ta’ 14:20hrs gewwa TriqSan Gwann Bormla, volontarjament hassart, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli u cioe ghamel hsara f’vettura bin-numru GIS235 ta’ ghamla Mitsubishi Pajero, liema hsarat huma ta’ aktar minn 116.47 Euro

(hamsin Lira Maltija) u anqas minn 1164.69 Euros (hames mitt Lira Maltija) ghad-dannu ta' Gizelle Bonavia;

U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi, ikkaguna griehi ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Gizelle Bonavia skond kif iccertifikat Dr. Alexandra Baldacchino mic-Centru Tas-Sahha Rahal Gdid;

U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi volontarjament kiser il-bon ordni u l-paci pubblika b'ghajjat u glied.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti ezebiti l-atti kollha tal-kaz;
Semghet l-ammissjoni ta' l-imputat;

Semghet il-konferma ta' l-istess ammissjoni tieghu, wara li l-Qorti akkordat l-imputat zmien ragonevoli ghal ripensament;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Fuq l-istess ammissjoni tieghu l-Qorti ssib lill-imputat Anthony Bonnici hati skond l-akkuza u wara li rat Artikoli 325, 221, 338(dd), 28A u 28G tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta, tikkundannah ghal perijodu ta' prigunerija ta' sitt (6) xhur sospizi ghal sentejn.

In oltre', il-Qorti tordna hrug ta' Compensation Order kontra l-imputat fl-ammont ta' 420 Euro li ghandhom jithallsu lil Gizelle Bonavia fi zmien sitt (6) xhur.

Din il-piena giet akkordata wara li l-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija tieghu, l-fatt li l-imputat kien dispost jhallas ghal hsarat li wettaq u in vista tal-fedina penali tieghu.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------